**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Jannar, 2023**

**Talba Nru: 22/2021MD**

**Stephanie Vella Zammit (K.I. nru. 405576M)**

**Vs**

**Daniel Fenech (K.I. nru. 58591M)**

**U**

**b'digriet datat 30 ta' April, 2021 giet imsejha fil-kawza s-socjeta'**

**Timely Limited**

## It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' Jannar, 2021[1] permezz ta' liema l-attrici talbet lil-konvenuti s-somma ta' erbat'elef, mija u tletin Euro (€4,130), rappresentanti l-prezz ta' elf prodott kostmetiku; bl-ispejjez maghduda zewg ittri bonarji, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv.

[1] *A Fol* 1 *et seq* tal-process.

Ra r-risposta ta' Daniel Fenech datata 30 ta' April 2021[2] fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament, l-esponenti mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-ordni kienet saret minn Timely Limited (C76572) u mhux mill-esponenti fil-kwalita' personali tieghu;
2. Subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess ghandha tigi kjamata fil-kawza s-socjeta' Timely Limited (C76572);
3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Art. 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Subordinantament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-intempestivita' tal-azzjoni stante li l-esponent qatt ma gie interpellat ghal hlas u kwalunkwe korrispondenza mibghuta intbghatet f'indirizz hazin;
5. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess f'kaz li tintlaqa' t-talba attrici, fid-dawl li l-esponenti qatt ma gie interpellat b'ittra ufficjali jew protest ghall-hlas u l-ittri legali ntbaghatu f'indirizz hazin, l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza u mhux fis-6 ta' Dicembru 2017;
6. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta tas-socjeta' Timely Limited (C 76572) datata 28 ta' Mejju, 2021[3] fejn eccepiet:

1. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Art. 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-intempestivita' tal-azzjoni stante li l-esponenti qatt ma giet interpellata ghall-hlas u kwalunkwe korrispondenza mibghuta intbaghatet f'indirizz hazin;
8. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess f'kaz li tintlaqa' t-talba attrici, fid-dawl li l-esponenti qatt ma giet interpellat b'ittra ufficjali jew protest ghall-hlas u l-ittri legali ntbaghatu f'indirizz hazin, u ghalhekk l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza u mhux fis-6 ta' Dicembru 2017;
9. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;
10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Ra d-digriet datat 30 ta' April 2021 fejn giet kjamata fil-kawza s-socjeta' Timely Limited (C 76572).[4]

---

[2] *A fol* 7 tal-process.
[3] *A fol* 8 *et seq* tal-process.
[4] *A fol* 6 tal-process.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra x-xhieda prodotta mill-partijiet.

Ra d-dokumenti li gew esebieti in atti.

Ra s-sottomissjonijiet li ghamlu l-partijiet.

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Fatti fil-Qosor**

Fl-ahhar ta' Novembru, 2017, l-attrici qalet li permezz tad-ditta taghha "Medimports" intalbet mill-konvenut Daniel Fenech sabiex tbieghlu elf prodott kosmetiku li b'kollox kienu jammontaw ghas-somma ta' €4,130 biex jerggha jbieghhom fuq *plates subscription boxes*. Hija baghtitlu l-ammont dovut permezz ta' *e-mail* provdut mill-istess konvenut izda huwa qatt ma hallasha, u anke baghtitlu zewg ittri legali. Il-konvenut Daniel Fenech eccepixxa li hu mhux il-legittimu kontradittur stante li hu kien ordna dawn il-prodotti f'isem is-socjeta' Timely Limited, li l-azzjoni hija preskritta, kif ukoll li l-azzjoni hija intempestiva stante li qatt ma gie interpellat sabiex ihallas. Is-socjeta' intimata eccepiet li l-azzjoni hija preskritta u li l-azzjoni hija intempestiva stante li qatt ma giet interpellata sabiex thallas.

**Provi prodotti**

Ra d-dokument esebiet mill-attrici[5] li jikkonsisti f'*cash sale*.

Ra x-xhieda ta' **Daniel Fenech**[6] fejn qal li l-attrici jafha fil-kariga tieghu ta' Direttur tal-Kumpanija Timely Limited. Huwa kien ghamel kuntatt mal-attrici personalment ghal-bejgh ta' prodotti mill-istess socjeta' intimata. Is-socjeta' intimata kienet topera u tiggestixxi kaxxi li kienet tbiegh fil-hwienet inkluz kaxxi ta' kosmetici, u li f'Novembru, 2017 u f'okkazjoni wahda, kien xtara f'isem il-kumpanija intimata prodotti ta' kosmetika minn hanut li kien jinsab Hal Qormi u li kien accessibbli ghal-pubbliku. Il-ftehim kien li l-kumpanija intimata kienet ser thallas il-prodotti iktar tard, u b'dan jifhem li l-hlas kellu jsir gimghat wara, izda ma kienx hemm gurnata miftiehma meta kien ser isir il-hlas. L-attrici kienet ghamlet kuntatt mieghu billi baghtitlu l-invoice f'Jannar tas-sena 2018 via e-mail tal-kumpanija. Meta muri l-fattura qal li jahsibx li kien dak id-dokument madanakollu l-prodotti u l-ammont indikati fiha jaqblu. Qal li l-fattura tindika l-kelma "Plait" u din kienet *brand name* li tahtha kienet topera l-kumpanija intimata, u li d-data taqbel ma l-*e-mail* li semma. Spjega li kien informa lill-attrici li l-kumpanija ma kienetx f'posizzjoni li thallas u l-korrispondenza kienet waqfet hemm u dan kien f'Jannar tas-sena 2018. Qal li qatt ma rcievha ittri bonarji, u li fid-dati tal-ittri bonarji huwa kien joqghod San Pawl u pprezenta *payslips*[7] ghal konferma ta' dan.

In kontro-ezami huwa kkonferma li l-ammont indikat fil-fattura pprezentata jirrigwardja prodotti li kien xtara. Spjega li dawn il-prodotti kienu jmorru f'*subscription box* ghaliex l-

[5] *A fol* 14 tal-process.

[6] *A fol* 15 *et seq* tal-process, xhieda datata 16 ta' Settembru, 2021.

[7] *A fol* 17 *et seq* tal-process.

intenzjoni kienet li l-kumpanija tbieghhom lil terzi u fil-fatt hekk kien gara fil-kaz odjern. Dawn l-ammonti huwa ma hallashomx ghaliex kienet il-kumpanija li kellha thallashom u l-kumpanija effettivament ma hallsithomx.

Ra x-xhieda ta' **Stephanie Vella Zammit**[8] fejn qalet li hija tmexxi d-ditta Medimports u tbiegh il-prodotti tal-*make up* fl-ispizeriji u l-*perfumeries*. Spjegat li ftit qabel Lulju tas-sena 2017 persuna li kienet tafha qaltilha li kienet ser taghti xi parir lil Daniel Fenech fuq xi *plates subscription boxes* u informatha li kellu jcemplilha. Huwa baghtilha mill-address business@plate.com.mt u ltaqghu fl-ufficju taghha gewwa Hal Qormi fi Triq San Bastjan. Spjegala kif kienet ser tahdem is-sistema u qaltlu li kienet ser ittih xi prodotti promozzjonali bejn Awissu u Settembru izda f'Ottubru informatu li mhux ser ikollhom iktar prodotti promozzjonali. Fit-28 ta' Novembru, 2017 Daniel Fenech kien ikkomunika maghha *via Whatsapp* li s-*supplier* kien ha jaqdih ghal elf *subscription box* u kien lest li jixtri l-prodotti biex jimla l-kaxxi. Kienu ftehmu ghal €3.50 plus VAT u gew preparati fis-6 ta' Dicembru u ghaddiehtom lil Fenech billi ltaqghu quddiem l-ufficju taghha. Fis-7 ta' Dicembru, 2017 cemplilha ghax ried 70 prodott iehor izda kienet imsiefra u qaltlu li mpossibbli li ttihomlu u kien xtrahom minghand terzi u ma kellhom xejn x'jaqsmu mal-prodotti mertu tal-kawza. Fid-19 ta' Dicembru, 2017 baghtitlu *e-mail* ghad-dettalji sabiex tkun tista tinhareg il-fattura. Hu kien informaha li kien ta' pjacir jahdem maghha u li kellhom iwaqqfu l-operazzjoni bhala *plate* u li m'ghadux direttur u li l-likwidatur kien ser jiehu hsieb l-*invoice*. Hija qatt ma kienet taf b'Timely Limited u qatt ma semmijielha waqt in-negozju.

Ra x-xhieda ta' **Daniel Fenech**[9] fejn qal li "Plate" kienet *trade name* rregistrata fuq Timely Limited. Spjega li huwa dejjem ikkomunika mal-attrici mill-*e-mail* tal-kumpanija u kienet taf li l-operat huwa ta' kumpanija ghax kienu ddiskutewh diversi drabi fl-ufficju taghha Hal Qormi. Qal li din il-kumpanija ghandha hames *shareholders* u pprezenta d-dokumenti. Kompla jghid li l-kumpanija intimata giet irregistrata l-Ingilterra ghaliex wiehed mill-investituri kien Ingliz. Il-prodotti inxtraw u gew ordnati f'Novembru, 2016 u l-ftehim kien li l-hlas isir wara z-zmien tal-Milied meta l-kumpanija tkun irkuprat il-flus li nefqet. Gara li l-kumpanija bieghet hafna inqas minn dak li kien prospettat, u allura ma kienx hemm flus biex jithallsu l-*invoices*. Kien talab lil Mark Anthony Spiteri biex jinvesti l-flus halli jkun hemm minn fejn jithallsu l-*invoices* izda ma kienx lest li jinvesti iktar flus dak iz-zmien u lanqas hu ma seta jinvesti iktar flus ghaliex kull ma kellu kienet paga minima.

Ra l-affidavit ta' **Mark Anthony Spiteri**[10] fejn qal li kien shareholder f'Timely Holdings Limited, kumpanija rregistrata l-Ingilterra u li hija l-*mother company* ta' Timely Limited. Qal li s-socjeta' intimata kienet sejra tajjeb hafna u li kellha potenzjal u kien sar jaf li mhux sejra tajjeb f'nofs Dicembru 2017 meta ltaqa' ma Daniel Fenech ghaliex kellhom prodotti tal-ikel li ma marrux tajjeb hafna u kien talbu sabiex jerga jinvesti. Hu kien irrifjuta ghaliex kien gja investa ammont sostanzjali. Sar jaf ghal habta tat-22 ta' Dicembru, 2017 li l-kumpanija intimata kienet ser tieqaf topera.

[8] *A fol* 22 *et seq* tal-process; xhieda datati 9 ta' Dicembru, 2021 u 17 ta' Frar, 2022.
[9] *A fol* 44 *et seq* tal-process, xhieda datata 17 ta' Frar, 2022.
[10] *A fol* 55 tal-process.

**Kunsiderazzjonijiet**

Stante li l-konvenuti eccepew tlett eccezzjonijiet preliminari t-Tribunal ser jibda billi l-ewwel jiddeciedi dawn l-eccezzjonijiet.

It-Tribunal ser jghaddi sabiex jiddeciedi l-ewwel eccezzjoni preliminari eccepieta mill-konvenut Daniel Fenech u cioe' li ma huwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-ordni saret minn Timely Limited u mhux mill-esponent fil-kwalita' personali tieghu.

Il-Qorti tal-Magistrati, fl-ismijiet Sign it Limited vs Anthony Attard f'ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta' Wearwords Limited jew min minnhom[11], irriteniet is-segwenti:

> *Illi ghal fini tal-konsiderazzjonijiet tal-Qorti l-importanti huwa z-zmien meta l-konvenut ippresta ruhu mas-socjeta' attrici sabiex jitlob is-servizzi taghha ghall-avveniment in kwistjoni. F'dan l-istadju u sa gurnata qabel l-avveniment, is-socjeta' attrici ma kellha l-ebda mezz tkun taf li fil-fatt kienet qed titratta ma' kumpanija ta' socjeta' ta' responsabbilta' limitata u mhux mal-konvenut personalment. F'dan il-kaz allura l-prezunzjoni hija illi l-konvenut kien qed jikkuntratta f'ismu proprju u mhux f'isem haddiehor anke jekk il-persuna kien fil-kummerc. (Ara Appell Dr Renato Cefai Noe vs J&M Aluminium Limited deciza fl-1 ta' Frar 2008). Barra minn hekk, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri fis-16 ta' Dicembru 2002 fl-ismijiet Mirabelle Distributors Limited vs Emanuel Zammit fejn il-Qorti dahlet fid-dettall dwar il-kwistjoni tal-legittimu kontradittur f'kazijiet fejn il-konvenut jallega illi kien tharrek hazin billi hu qatt ma kien qieghed jagixxi f'ismu proprju izda f'isem kumpanija.*
>
> *Il-Qorti ta' l-Appell qalet "saru frekwenti l-kawzi fejn persuna azzjonata ghall-hlas tinheba wara l-eccezzjoni illi ma hijiex il-legittimu kontradittur". Kif gie osservat "certu kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqshekk ovvji. Fejn hemm dubbju pero', wiehed kellu jipprezumi li l-persuna li qieghda tikkuntratta kienet qed taghmel hekk f'isimha proprju" – Lawrence Formosa et noe vs Silvio Felice Appell 6 ta' Ottubru 1999. Il-Qorti kompliet tghid illi "biex ikun diversament kien jispetta lill-appellanti li jipproducu provi konklussivi in sostenn tal-pretenzjoni taghhom proprju biex jistabbilixxu li dak li kellu jigi prima facie prezunt mic-cirkostanzi materjali li fihom sar in-negozju .... ma kienux jirrispekkjaw il-verita' ghax il-verita' n-negozju kien sar ma' haddiehor."*

Il-Qorti tal-Appell fl-ismijiet su indikati[12] rriteniet:

> *Fuq it-tieni motiv ta' aggravju din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi qed ikunu frekwenti bosta l-appelli fejn il-parti sokkombenti fil-gudizzju tqajjem b'lanjanza illi d-decizjoni hi errata in bazi ghall-assunt ta' l-inezistenza tar-rapport guridiku.*

---

[11] Avviz Nru: 473/2004; deciza 14 ta' April, 2008; Magistrat Dr. Micahel Mallia.
[12] Appell Civili Nru 473/2004/1; deciza 12 ta' Dicembru, 2008; Onor. Imhallef Philip Sciberras.

*Kull darba din il-Qorti jkollha tfakkar il-principji regolaturi li jghoddu ghall-kwestjoni ta' din ix-xorta. Inter alia, li:-*

*(1) Tezisti l-presunzjoni iuris tantum illi bniedem normalment jikkontratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew, jekk dan ma jindikax espressament, li dak haddiehor kien ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Ara "Joseph Chetcuti nomine -vs- Peter Paul Camilleri", Qorti tal-Kummerc, 4 ta' Dicembru, 1988 u "Anthony Caruana et -vs- John Magro et", Appell, 6 ta' Ottubru 1999;*

*(2) Il-prova kuntrarja kienet taggrava fuq il-persuna li jkun qed jidher f'isem u ghan-nom ta' haddiehor. Hu kellu jipprova illi b'mod car u inekwivoku kien irrileva lil parti l-ohra illi l-kontrattazzjoni ma kienetx qed issir f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jipprova wkoll illi dan il-fatt ingieb sewwa a konoxxenza tal-kontraent l-iehor fl-istess mument tal-kontrattazzjoni. Ara "John Vella nomine -vs- Anthony Vella et", Appell, 2 ta' Dicembru, 1999;*

*(3) Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero`, wiehed kellu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju. Ara "Lawrence Formosa et nomine -vs- Silvio Felice", Appell, 6 ta' Ottubru, 1999;*

L-attrici fix-xhieda taghha spjegat li persuna li kienet tafha kienet informata li kien ser ikellimha certu Daniel Fenech sabiex tara jekk Medimports tkunx interessata li tiehu sehem bil-prodotti tal-*make up* fi progett ta' *plates subscription boxes*. Spjegat ukoll li fid-19 ta' Dicembru kienet baghtitlu *e-mail* sabiex itiha l-*billing details* li kienu jinkludu n-numru tal-VAT u l-karta' tal-identita' sabiex tkun tista tohrog il-fattura tal-prodotti mixtrija. Daniel Fenech kien infurmaha li "we have to unfortunately discontinue our operation as plate". Hija baghtitlu *e-mail* fuq l-indirizz tas-soltu u wegibha li hu m'ghadux id-direttur u l-likwidatur kien ser jiehu hsieb l-*invoice* u li kellu pjacir li kien hadem maghha. Kompliet tghid li meta talbitu aktar dettalji u fittxet in-numru tal-VAT fid-*database* tal-*credit info* u kien dak in-nhar li saret taf bis-socjeta' Timely Limited ghaliex l-intimat qatt ma kien semmielha din il-kumpanija.

Mill-*cash sale* pprezentata mill-attrici jirrizulta li l-*account* jaqra l-isem "Plait",[13] u ma kienx hemm indikat l-isem tal-Kumpanija Timely Limited. Min-naha l-ohra, il-konvenut Daniel Fenech fix-xhieda tieghu qal li huwa kien xtara l-prodotti indikati fil-*cash sale* ipprezentata mill-attrici f'isem il-kumpanija intimata Timely Limited u "Plait" kien biss il-*brand name* li tahtu kien jopera l-kumpanija intimata.

In oltre, mid-dokumenti esebieti jirrizulta li l-kumpanija Timely Limited ma ssemmiet fl-ebda korrispondenza bhala l-kumpanija li kienet qed topera l-*brand name* salv meta l-attrici giet informata li l-kumpanija kienet ser taghlaq.

---

[13] *A fol* 14 tal-process.

Mill-affidavit ta' Mark Anthony Spiteri[14] u mill-provi prodotti jirrizulta li ghalkemm l-konvenut Daniel Fenech kien Direttur tas-socjeta' intimata,[15] l-attrici ma kellha l-ebda mezz kif tkun taf li l-konvenut Daniel Fenech kien qieghed jikkuntratta f'isem il-kumpanija Timely Limited. Min-naha l-ohra ma giex ippruvat b'mod car u inekwivoku min-naha tal-intimat Daniel Fenech li hu kien qed jikkontratta f'isem il-kumpanija Timely Limited.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati, it-Tribunal jichad din l-eccezzjoni preliminari.

It-Tribunal issa ser jghaddi sabiex jiddeciedi l-eccezzjoni preliminari eccepieta miz-zewg konvenuti senjatament li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Art. 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 2148 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi is-segwenti:

> *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*
>
> *(a) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi,bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta'persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu;*
>
> ***(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut.***

L-attrici ssollevat illi l-kawza odjerna hija li l-bejgh sar bl-ingrossa u mhux bl-imnut u ghalhekk il-preskrizzjoni hija ta' hames snin u mhux ta' tmintax-il xahar hekk kif qed jecepixxu l-konvenuti, stante li l-prodotti mixtrija kienu ser jinbieghu lil terzi u ghalhekk kien ser isir rivendita tal-prodotti in kwistjoni.

Fil-kawza fl-ismijiet General Precast Concrete Limited vs J.T.E. Limited, il-Qorti tal-Appell irriteniet is-segwenti:[16]

> *Jinsab deciz illi "din id-disposizzjoni (Art 2156 (f)) ghandha tinqara unitament mal-artikolu 2253 (illum 2148) u ghandha tigi nterpretata bhala li ma tidderogax ghad-disposizzjoni specifikata u partikolari ghall-bejgh bl-imnut espressament kontemplat fih" – "Adrian Strickland noe - vs- Anthony Sammut", Appell Kummercjali, 3 ta' Gunju 1975. Gja fuq l-istregwa ta' sentenzi anterjuri gie enuncjat il-principju illi "ghalhekk fl-art 2148 (b)(gja Art 2253 (b)) taghna, li ma huwiex limitat ghall-bejgh minn kummercjant lill-persuna li ma hijiex fil-kummerc, il-kriterju adoperat mhux korrelat mal-persuni, kummercjanti jew le, involuti fix-xiri, imma huwa, minflok, jekk il-bejgh sarx bl-imnut jew inkella bl-ingrossa" – "Emanuele Micallef et -vs- Francis Mercieca", Appell Kummercjali, 26 ta' Mejju*

[14] *A fol* 55 *et seq* tal-process.
[15] *A fol* 39 *et seq* tal-process.
[16] Deciza 20 ta' Ottubru, 2004; Appell Civili Numru. 59/2001/1; Onor. Imhallef Philip Sciberras.

*1967. Hekk gie ritenut illi "fir-rigward tal-applikabilita` tal-art 2148(b) il-qorti tiddistingwi ghall-skop ta' preskrizzjoni bejn il-grossista u d-dettaljatur u tghid li l-ligi ma tharisx lejn dik li tista' tkun abitwalment il-professjoni tan-negozjant ta' grossista jew minutant imma thares lejn il-vendita` in kwestjoni per se`" – Kollez Vol. XLVIII pII p959; Vol. XXXV pII p613.*

*Dan premess, jinsab stabbilit fid-dottrina illi dak li jiddistingwi l-bejgh bl-ingrossa mill-bejgh bl-imnut huwa lfatt illi filwaqt li l-grossista principalment kien ibiegh lillpersuni li jinnegozjaw fil-merce mibjugha, l-minutant principalment ibiegh lill-konsumatur fi kwantitajiet zghar skond il-htigijiet tieghu. Ara a propozitu "Joseph Grech - vs- Domenico Savio Spiteri et", Appell, 25 ta' Mejju 2001. Ghalhekk, kif rimarkat, il-grossista "vende per lo piu` a coloro i quali commerciano della cosa comprata "mentri l-minutant "vende per lo piu` a compratori e in Kopja Informali ta' Sentenza Pagna 8 minn 9 Qrati tal-Gustizzja piccola quantita` misurata al bisogno di costoro" (Kollez. Vol XXXI pIII p235).*

L-artikolu 2156 sub-artikolu (f) jipprovdi s-segwenti:

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
*…*

*(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġijew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*

*…*

Ghalhekk il-kriterju distintiv huwa wiehed relattiv ghax-xorta tal-bejgh.

Mix-xhieda ta' Daniel Fenech jirrizulta illi il-prodotti inxtraw minghand l-attrici bl-intenzjoni li dawn il-prodotti imorru *f'subscription box* u jinbieghu lil terzi kif fil-fatt gara. Fix-xhieda tieghu kompla jispjega li fin-negozju taghhom imexxu bir-rivendita' fis-sens li l-konsumatur jixtri kaxxa kaxxa tramite *delivery* li jaghmlu lil konsumatur li jakkwista l-prodotti minghandhom.

In oltre l-artikolu 2160 jipprovdi s-segwenti:

*(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148 ,2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*

*(2) Jekk il-ġurament jingħata mill-werrieta tal-persuna li tagħha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn oħrajn li l-jeddijiet tagħhom ġejjin mingħand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma majistqarrux li ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata.*

*(3) Fil-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156, meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.*

Fix-xhieda tieghu Daniel Fenech qal:

*Qed nigi mistoqsi jiena jekk dawn l-ammonti hallasthomx nghid li jiena ma kontx tenut li nhallashom hija l-kumpanija li kienet tenuta thallashom u l-kumpanija effettivament ma hallsithomx.*

Illi ghalhekk jirrizulta b'mod car li l-ammont reklamat mill-attrici ghadu dovut.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati, it-Tribunal jichad din l-eccezzjoni preliminari eccepieta miz-zewg konvenuti.

It-Tribunal issa ser jghaddi sabiex jiddeciedi dwar il-mertu tal-kawza.

Jirrizulta li:

- F'Novembru tas-sena 2017, il-konvenut Daniel Fenech ikkuntattja lill-attrici biex tbieghlu elf prodott sabiex permezz ta' *plate subscription boxes* ikun jista' jerga jbiegh il-prodotti akkwistati;

- F'Dicembru tas-sena 2017 din il-kunsinna giet mghoddija lil Daniel Fenech mill-attrici stess barra l-ufficju taghha;

- F'Jannar tas-sena 2018, l-attrici baghtet *e-mail* lil Daniel Fenech fuq l-*e-mail* provdut minnu bl-indirizz elettroniku business@plate.com.mt sabiex jaghtiha d-dettalji halli tohrog il-fattura tal-prodotti li kienu gja gew mghoddija lilu;

- Il-fattura tal-prodotti mixtrija giet mibghuta fuq l-istess *e-mail* fornut mill-konvenut Daniel Fenech;

- L-elf prodott mixtri minghand l-attrici inbiegh kollu;

- L-ammont pretiz mill-attrici gie kkonfermat minn Daniel Fenech li huwa l-istess ammont li huwa kien ircievha sabiex isir il-hlas tal-prodotti;

- L-ammont ghadu dovut;

- Il-konvenut kien konxju li l-ammont pretiz kellu jithallas mid-9 ta' Jannar, 2018.

Jirrizulta wkoll illi ntbaghtu zewg ittri legali lil konvenut Daniel Fenech mill-attrici permezz tal-Prokuratur Legali ta' fiducja taghha datati 25 ta' Ottubru, 2019 u 13 ta' Novembru, 2019

rispettivament[17] lil konvenut, f'indirizz gewwa Attard.  Mill-*payslips* esebieti mill-konvenut jirrizulta li l-konvenut kien jirrisjedi gewwa x-Xemxija u ghalhekk jidher illi l-konvenut ma rceviex l-ittri legali.

**Decide**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jiddeciedi din it-talba billi jilqa' it-talba tal-attrici filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u tas-socjeta' kjamata fil-kawza, u jikkundanna lil konvenut Daniel Fenech u s-socjeta' kjamata in kawza Timely Limited thallas lil-attrici s-somma ta' erbat'elef, mija u tletin Ewro (€4,130), bl-imghax legali mid-9 ta' Jannar 2018[18] sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu fl-intier taghhom mill-konvenut u s-socjeta' kjamata in kawza in solidum bejniethom, u l-mandat kawtelatorju jithallsu unikament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Gudikatur**

[17] *A fol* 25 *et seq* tal-process.
[18] Id-data meta ntbaghtet il-fattura, *a fol* 31 tal-process.